II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/1836

tal-10 ta' Ottubru 2017

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 ([2]) jagħti effett għal miżuri previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(2) Fil-11 ta' Settembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") adotta r-Riżoluzzjoni 2375 (2017) ("UNSCR") li fiha jesprimi t-tħassib l-aktar serju għat-test nukleari tat-2 ta' Settembru 2017 mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). Il-KSNU afferma mill-ġdid li l-proliferazzjoni ta' armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi tikkostitwixxi theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, u impona miżuri ġodda kontra r-RDPK. Dawn il-miżuri jkomplu jsaħħu l-miżuri restrittivi imposti mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874(2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017) u 2371(2017) tal-KSNU (UNSCRs).

(3) Il-KSNU impona projbizzjonijiet ġodda fejn jidħlu l-importazzjonijiet ta', fost affarijiet oħrajn, tessili mir-RDPK, l-esportazzjonijiet ta' prodotti petrolifiċi lejn ir-RDPK, impriżi konġunti u fis-settur marittimu.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1838 ([3]) emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 sabiex tagħti effett lill-miżuri l-ġodda imposti bil-UNSCR 2375(2017).

(5) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 (ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1838 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ara l-paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(2), is-seba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Parti VII tal-Anness II għandha tinkludi l-prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi konvenzjonali, skont il-paragrafu 5 tal-UNSCR 2371 (2017).";

(2) fl-Artikolu 3(2), jiddaħħal it-test li ġej wara s-seba' subparagrafu:

"Il-Parti VIII tal-Anness II għandha tinkludi l-prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi tal-qerda massiva, skont il-paragrafu 4 tal-UNSCR 2375 (2017).

Il-Parti IX tal-Anness II għandha tinkludi l-prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi konvenzjonali, skont il-paragrafu 5 tal-UNSCR 2375 (2017).";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 16c*

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' kondensati u likwidi tal-gass naturali, kif elenkati fl-Anness XIc, lir-RDPK.

Artikolu 16d

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' kull prodott petrolifiku raffinat, kif elenkati fl-Anness XId, lir-RDPK.

Artikolu 16e

1. B'deroga mill-Artikolu 16d, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet ta' prodotti petrolifiċi raffinati li jkun determinat li huma esklużivament għal skopijiet tal-għajxien taċ-ċittadini tar-RDPK, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-tranżazzjoni ma tkunx tinvolvi individwi jew entitajiet li huma assoċjati mal-programmi nukleari jew ta' missili ballistiċi tar-RDPK jew attivitajiet oħrajn ipprojbiti mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017) jew 2375 (2017), inklużi l-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness XIII, jew individwi jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, direttament jew indirettament, jew individwi jew entitajiet li jgħinu fl-evażjoni tas-sanzjonijiet;

(b) it-tranżazzjoni ma tkunx relatata mal-ġenerazzjoni ta' introjtu għall-programmi nukleari jew tal-missili ballistiċi tar-RDPK jew ma' attivitajiet oħrajn ipprojbiti mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017) jew 2375 (2017);

(c) il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx innotifika lill-Istati Membri li jkun intlaħaq 90 % tal-limitu aggregat annwali; u

(d) l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bl-ammont tal-esportazzjoni u bl-informazzjoni lill-partijiet kollha fit-tranżazzjoni kull 30 jum.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 16f

Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, ta' żejt mhux raffinat, kif elenkati fl-Anness XIe, lir-RDPK.

Artikolu 16g

1. B'deroga mill-Artikolu 16f, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet ta' żejt grezz wara li jkunu determinaw li t-transazzjonijiet aggregati annwali tal-Unjoni ma jaqbżux l-ammont mibjugħ, fornut, ittrasferit jew esportat fil-perijodu bejn il-11 ta' Settembru 2016 u l-10 ta' Settembru 2017.

2. B'deroga mill-Artikolu 16f, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tranżazzjonijiet ta' żejt grezz li jkun determinat li huma esklużivament għal skopijiet ta' għajxien, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-tranżazzjonijiet ma jkunux relatati mal-ġenerazzjoni ta' introjtu għall-programmi nukleari jew ta' missili ballistiċi tar-RDPK jew ma' attivitajiet oħrajn ipprojbiti mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017) jew 2375 (2017); u

(b) l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 16h

Għandhom ikunu pprojbiti l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, mir-RDPK, ta' tessili, kif elenkati fl-Anness XIf, kemm jekk ikunu joriġinaw mir-RDPK kif ukoll jekk le.

Artikolu 16i

1. B'deroga mill-Artikolu 16h, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ta' tessili, sakemm l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet, skont il-każ individwali.

2. B'deroga mill-Artikolu 16h, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ta' tessili sa mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru 2017, sakemm:

(a) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment ikun dovut bis-saħħa ta' kuntratt bil-miktub li jkun sar qabel il-11 ta' Settembru 2017; u

(b) l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bid-dettalji ta' tali importazzjoni, xiri jew trasferiment mhux aktar tard mill-24 ta' Jannar 2018.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 1 u 2.";

(4) l-Artikolu 17(2)(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-istabbiliment, iż-żamma jew l-operazzjoni ta' impriża konġunta jew ta' entità kooperattiva ma', jew it-teħid jew l-għoti ta' interessi titolari, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ jew l-akkwist ta' ishma u titoli oħrajn ta' natura parteċipattiva fi, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1;";

(5) fl-Artikolu 17, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Impriżi konġunti jew entitajiet kooperattivi eżistenti li ssir referenza għalihom fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandhom jingħalqu sad-9 ta' Jannar 2018, jew fi żmien 120 jum wara li l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun irrfjuta talba għall-approvazzjoni.";

(6) l-Artikolu 17a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17a*

1. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 17(2), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tali attivitajiet, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw impriżi konġunti jew entitajiet korporattivi mhux kummerċjali, proġetti infrastrutturali ta' servizzi pubbliċi li ma jiġġenerawx profitt, sakemm l-Istat Membru jkun kiseb l-approvazzjoni bil-quddiem mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet, skont il-każ individwali.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.";

(7) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 17b*

B'deroga mill-Artikolu 17(3), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw tali impriża konġunta jew entità kooperattiva biex tibqa' operattiva, sakemm l-Istat Membru jkun akkwista l-approvazzjoni minn qabel tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-każ individwali.";

(8) l-Artikolu 34(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-bastimenti kollha elenkati fl-Anness XIV għandhom jiġu maħtufa, jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet hekk jispeċifika.";

(9) l-Artikolu 34(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Anness XIII għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet u l-korpi determinati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-KSNU skont il-paragrafu 8(d) tal-UNSCR 1718 (2006), u l-paragrafu 8 tal-UNSCR 2094 (2013).

L-Anness XIV għandu jinkludi l-bastimenti li jkunu ġew determinati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-paragrafu 12 tal-UNSCR 2321 (2016), u l-paragrafu 8 tal-UNSCR 2375 (2017).

L-Anness XV għandu jinkludi persuni, entitajiet u korpi mhux elenkati fl-Annessi XIII u XIV li, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 27(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849, jew kwalunkwe dispożizzjoni ekwivalenti sussegwenti, ikunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala:

(a) responsabbli minn, anki permezz ta' sostenn jew promozzjoni, programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva, jew persuni, entitajiet jew korpi li jkunu qegħdin jaġixxu f'isimhom, jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew persuni, entitajiet jew korpi proprjetà tagħhom, jew ikkontrollati minnhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti;

(b) li jipprovdu servizzi finanzjarji jew it-trasferiment lejn, matul jew mit-territorju tal-Unjoni, jew li jinvolvu ċittadini ta' Stati Membri jew entitajiet organizzati taħt il-liġijiet tagħhom, jew persuni jew strumenti finanzjarji fit-territorju tal-Unjoni, ta' kwalunkwe assi finanzjarji jew ta' tip ieħor jew riżorsi li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda massiva, jew persuni, entitajiet jew korpi proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom; jew

(c) li jkunu involti fi, inkluż permezz tal-għoti ta' servizzi finanzjarji, il-provvista lejn jew mir-RDPK ta' armamenti u materjal relatat ta' kull tip, jew ta' oġġetti, materjali, apparat, prodotti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda massiva.";

(10) fl-Artikolu 39(1), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) li huwa elenkat taħt l-Anness XIV jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun speċifika hekk.";

(11) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. B'deroga mill-projbizzjoni fl-Artikolu 39(1), meta dan ikun jikkonċerna bastiment fl-ambitu tal-punt (g), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw bastiment li jidħol fil-port jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina minn qabel li tali dħul huwa meħtieġ għal skopijiet umanitarji jew għal kwalunkwe skop ieħor konsistenti mal-objettivi tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017) jew2375 (2017).";

(12) l-Artikolu 43(d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) ir-reġistrazzjoni jew iż-żamma fuq ir-reġistru ta' kwalunkwe bastiment li huwa proprjetà, kkontrollat jew operat mir-RDPK jew minn ċittadini tar-RDPK, jew li jkun ġie dereġistrat minn Stat ieħor skont il-paragrafu 24 tal-UNSCR 2321 (2016) jew il-paragrafu 8 tal-UNSCR 2375 (2017); jew";

(13) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 44a*

Għandu jkun ipprojbit li jiġu ffaċilitati, jew li jsiru, trasferimenti minn vapur għall-ieħor, lejn jew minn kwalunkwe bastiment li jkun qiegħed iġorr il-bandiera tar-RDPK, ta' kwalunkwe oġġetti jew prodotti li jkunu qegħdin jinbiegħu, forniti, trasferiti jew esportati lejn jew mir-RDPK.";

(14) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 45*

B'deroga mill-projbizzjonijiet li joħorġu mill-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2070 (2016), 2321 (2016), 2356 (2016), 2371 (2017) jew 2375 (2017), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw kwalunkwe attività jekk il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina, skont il-każ individwali, li jkunu neċessarji sabiex jiffaċilitaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u mhux governattivi li jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet ta' assistenza u ta' salvataġġ fir-RDPK għall-benefiċċju tal-popolazzjoni ċivili fir-RDPK jew għal xi skop ieħor konsistenti mal-objettivi ta' dawn ir-riżoluzzjonijiet.";

(15) fl-Artikolu 46, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) temenda l-Partijiet II, III, IV, V, VI, VII, VIII u IX of Annex II and Annexes VI, VII, IX, X, XI, Xia, XIb, XIc, XId, XIe and XIf abbażi ta' determinazzjonijiet li jkunu saru jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-KSNU u li jiġu aġġornati l-kodiċi tan-nomenklatura min-Nomenklatura Magħquda kif stabbilit fl-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87;";

(16) l-Anness II jiġi emendat f'konformità mal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(17) l-Anness V jiġi emendat f'konformità mal-Anness II għal dan ir-Regolament;

(18) l-Anness XIa jiġi emendat f'konformità mal-Anness III għal dan ir-Regolament;

(19) l-Anness XIb jiġi emendat f'konformità mal-Anness IV għal dan ir-Regolament.

(20) l-Anness XIc jiddaħħal f'konformità mal-Anness V għal dan ir-Regolament;

(21) l-Anness XId jiddaħħal f'konformità mal-Anness VI għal dan ir-Regolament;

(22) l-Anness XIe jiddaħħal f'konformità mal-Anness VII għal dan ir-Regolament;

(23) l-Anness XIf jiddaħħal f'konformità mal-Anness VIII għal dan ir-Regolament;

(24) l-Anness XIV huwa sostitwit bl-Anness IX għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TÕNISTE

ANNESS I

1. Il-Parti VII tal-Anness II għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa sostitwit kif ġej:

"PARTI VII

Prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi konvenzjonali, skont il-paragrafu 5 tal-UNSCR 2371 (2017).";

2. il-partijiet li ġejjin jiżdiedu mal-Anness II għar-Regolament (UE) 2017/1509:

"PARTI VIII

Prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi tal-qerda massiva, skont il-paragrafu 4 tal-UNSCR 2375 (2017).

PARTI IX

Prodotti, materjali, apparat, oġġetti u teknoloġija ddeżinjati konnessi mal-armi konvenzjonali, skont il-paragrafu 5 tal-UNSCR 2375 (2017)."

ANNESS II

Fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-entrata għal "2704 00 10" hija sostitwita b'dan li ġej:

"2704	Kokk u semi-kokk tal-faħam, ta' lignite jew tal-pit, mgħaqqad jew le; karbonju tal-istorta"

ANNESS III

Fl-Anness XIa għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-entrata għal "ex 1902 20 30" titħassar.

ANNESS IV

Fl-Anness XIb għar-Regolament (UE) 2017/1509, il-kliem "Ċomb u ċomb mhux maħdum imsemmija fl-Artikolu 16c" huwa sostitwiti bi "Ċomb u ċomb mhux maħdum msemmija fl-Artikolu 16b".

ANNEX V

"*ANNESS XIc*

Kondensati u likwidi tal-gass naturali li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 16c

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

Il-kodiċijiet tan-nomenklatura ttieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana u kif stabbilit fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendati b'leġiżlazzjoni sussegwenti.

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
2709 00 10	Kondensati ta' gass naturali
2711 11	Gass naturali likwifikat"

ANNESS VI

"*ANNESS XId*

Prodotti petrolifiċi raffinati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 16d

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

Il-kodiċijiet tan-nomenklatura ttieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana u kif stabbilit fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendati bil-leġiżlazzjoni sussegwenti.

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	2707	Żjut u prodotti oħrajn mid-distillazzjoni ta' qatran tal-faħam f'temperatura għolja; prodotti simili li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak kostitwenti mhux aromatiċi
	2710	Żjut minerali (*petroleum*) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, ħlief dawk mhux raffinati; preparazzjonijiet li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, li fihom 70 % jew aktar tal-piż żjut minerali (*petroleum*) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet; żjut għar-rimi
	2711	Gassijiet minerali (*petroleum*) u idrokarbonji oħrajn bil-gass
		Vażelina; xema' bajda (tal-parafina), xema' taż-żejt minerali (*petroleum*) mikrokristallina, xema' *slack*, ożoċerita, xema' lignite, xema' tal-pit, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sintesi jew bi proċessi oħrajn, ikkuluriti jew le
	2712 10	– Vażelina
	2712 20	– Xema' bajda (tal-parafina) li fiha anqas minn 0,75 % żejt bil-piż
Ex	2712 90	– Oħrajn barra vażelina u xema' bajda (tal-parafina) li fiha anqas minn 0,75 % żejt bil-piż
	2713	Kokk taż-żejt minerali (*petroleum*), qatran taż-żejt minerali (*petroleum*) u fdalijiet oħrajn ta' żjut minerali (*petroleum*) jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi
Ex	2714	Qatran u asfalt, naturali; "shale" tal-qatran jew taż-żejt u ramel taż-żift; asfaltiti u blat asfaltiku
Ex	2715	Taħlitiet bituminużi bbażati fuq asfalt naturali, fuq qatran naturali, fuq qatran ta' żejt minerali (*petroleum*), fuq żift minerali jew fuq qatran (tar pitch) minerali (per eżempju, gomom/siment bituminużi, "cut-backs")
		Preparazzjonijiet għal lubrikar (inklużi preparazzjonijiet ta' żejt għal qtugħ, preparazzjonijiet biex jerħu boltijiet u skorfini, preparazzjonijiet kontra s-sadid jew kontra l-korrużjoni u preparazzjonijiet li jerħu l-moffa, ibbażati fuq lubrikanti) u preparazzjonijiet ta' tip użati għat-trattament biż-żejt jew bil-grass ta' materjali tessili, ġlud, ferijiet jew materjali oħrajn, iżda eskluż preparazzjonijiet li fihom, bħala kostitwenti bażiċi, 70 % jew aktar bil-piż ta' żjut minerali (*petroleum*) jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi
		– Li fihom żjut minerali (*petroleum*) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi
	3403 11	– – Preparazzjonijiet għat-trattament ta' materjali tessili, ġlud, ferijiet u materjali oħrajn
	3403 19	– – Oħrajn barra preparazzjonijiet għat-trattament ta' materjali tessili, ġlud, ferijiet u materjali oħrajn
		– Oħrajn barra dawk li fihom żjut minerali (*petroleum*) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi
Ex	3403 91	– – Preparations for the treatment of textile materials, leather, furskins or other materials

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
Ex	3403 99	– – Oħrajn barra preparazzjonijiet għat-trattament ta' materjali tessili, ġlud, ferijiet u materjali oħrajn
		– – – – – Prodotti jew preparazzjonijiet kimiċi, komposti predominentement minn compounds organiċi, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
Ex	3824 99 92	– – – – – – Fil-forma ta likwidu f'20 °C
Ex	3824 99 93	– – – – – – Oħrajn
Ex	3824 99 96	– – – – – Oħrajn
		Bijodiżil jew taħlit tiegħu, li ma jkunx fih jew ikun fih anqas minn 70 % skont il-piż ta' żejt (*petroleum*) jew żjut li jinkisbu minn minerali bituminużi
	3826 00 10	– Esteri mono-alkali ta' aċti xaħmin li fihom 96,5 % jew aktar bil-volum ta' esteri (FAMAE)
	3826 00 90	– Oħrajn"

ANNEX VII

"*ANNESS XIe*

Żejt grezz li ssir referenza għalih fl-Artikolu 16f

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

Il-kodiċijiet tan-nomenklatura ttieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana u kif stabbilit fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendati bil-leġiżlazzjoni sussegwenti.

	Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
	2709 00 90	Żjut minerali (*petroleum*) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, mhux raffinati, barra minn kondensati tal-gass naturali"

ANNESS VIII

"*ANNESS XIf*

Tessili li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 16h

NOTA TA' SPJEGAZZJONI

Il-kodiċijiet tan-nomenklatura ttieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana u kif stabbilit fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendati bil-leġiżlazzjoni sussegwenti.

Kapitolu	Deskrizzjoni
50	Ħarir
51	Suf, xagħar fin jew aħrax ta' annimali; ħjut u drapp minsuġ minn krin
52	Qoton
53	Fibri oħrajn ta' tessuti veġetali; ħajt tal-karta u drappijiet minsuġin tal-ħajt tal-karta
54	Filamenti magħmulin mill-bniedem; strixxi u oġġetti simili ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem
55	Fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple)
56	Wadding, feltru u materjali mhux minsuġin; ħjut speċjali; spag, ċwiemi, ħbula u kejbils u oġġetti magħmulin minnhom
57	Twapet u kisi tal-art ieħor ta' tessuti
58	Drappijiet minsuġin speċjali; drappijiet ta' tessuti bil-bżiebeż bizzilla; tapizzeriji; aċċessorji; rakkmu
59	Drappijiet tessili mimlijin, miksijin, mgħottijin jew illaminati; oġġetti tat-tessuti tat-tip addattat għall-użu industrijali:
60	Drappijiet maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted)
61	Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted):
62	Oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ
63	Oġġetti oħra manufatturati ta' tessuti; settijiet; ħwejjeġ li jintlibsu u oġġetti ta' tessuti li jintlibsu; ċraret"

ANNESS IX

Fl-Anness XIV għar-Regolament (UE) 2017/1509, l-kliem "Il-bastimenti msemmija fl-Artikolu 34(2) u l-punt (g) tal-Artikolu 39(1)" huma sostitwiti bil-kliem "Il-bastimenti msemmija fl-Artikolu 34(2) u l-punt (g) tal-Artikolu 39(1) u l-miżuri applikabbli kif speċifikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet".